

Brussell, 1 ta' April 2022
(OR. fr)

7685/22

FIN 370
INST 102
PE-L 16

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	7516/22
Suġġett:	Trasferiment tal-appropriazzjonijiet Nru DEC 09/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022

1. Fit-23 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet Nru DEC 09/2022, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju¹.

L-għan ta' din il-proposta huwa t-trasferiment għall-Artikolu 14 03 01 (*Għajjnuna umanitarja*) ta' EUR 38.93 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn (a/i) u ta' pagament (a/p) mill-Artikolu 30 04 01 (*Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjnuna ta' Emerġenza*), EUR 11.07 miljun f'a/i mill-partita 15 02 02 02 (*Tranżizzjoni lejn ir-regoli tal-Unjoni*) u EUR 1.07 miljun f'a/p mill-Partita 15 02 99 01 (*Tlestija ta' strumenti preċedenti għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni (qabel l-2021)*), kif jinsab fid-dokument 7516/22.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

2. Dan it-trasferiment għandu l-għan li jsaħħaħ l-għajjnuna umanitarja b'EUR 50 miljun f'a/i u EUR 40 miljun f'a/p biex jgħin lill-persuni affettwati mill-kunflitt fl-Ukrajna b'oġġetti tal-ikel u mhux tal-ikel, servizzi mediċi ta' emerġenza, mediċini kritiċi, provvisti u tagħmir tas-saħħa, appoġġ psikosoċjali, protezzjoni tat-tfal, ilma tax-xorb u kits tal-iġjene, kenn, u protezzjoni għall-persuni affettwati mill-kunflitt.

Minħabba ċ-ċirkostanzi urġenti, għandu japplika l-perijodu ta' tliet ġimgħat għall-approvazzjoni, skont l-Artikolu 31(4) tar-Regolament Finanzjarju.

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tal-31 ta' Marzu 2022.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - il-proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 7516/22; u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX għal din in-nota.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: President tal-Kunsill

lil: President tal-Parlament Ewropew

kopja: Il-President tal-Kummissjoni

Sinjura President,

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018¹, ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment tal-appropriazzjonijiet Nru DEC 09/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni -tal-baġit ġenerali għall-2022.

(Formola ta' għeluq).

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).